# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar 2020

**Rikors Numru : 374/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**JC**

**vs**

**LC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JC datat 8 ta' Awissu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (18/07/1998) liema certifikat qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Illi l-esponenti issepara legalment minn ma' martu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia datat 22 ta' Awissu tas-sena 2002 (hawn Anness u mmarkat bhala Dok'B');*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partitjiet ma kellhomx tfal;*

*Illi peress li m'hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li z-zwieg kien diga dikjarat legalment separati b'separazzjoni legali u issa ghaddew iktar minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni de facto;*

*Illi dwar il-manteniment l-esponenti kif ukoll martu kienu irrinunzjaw ghad-dritt taghhom ghal manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' LC, datata 25 ta' Novembru 2019, a fol 20, li taqra hekk:

*Illi hija taqbel mal-fatti kif esposti fir-rikors ta' JC fl-intier taghhom u tiddikjara ghalhekk li taqbel li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.*

*Illi hija qed titlob wkoll illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe; 'P'.*

*Illi l-intimata tissottometti li fic-cirkostanzi ma ghandha tbati l-ebda spejjez.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-intimata qed titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti tilqa it-talbiet fl-intier taghhom tar-rikorrent.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JC** xehed a fol 25 *et seqq.*, illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Lulju 1998 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fit-22 ta' Awissu 2002, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Xehed ukoll illi obbligazzjoni ta' manteniment ghal xulxin ma kienx hemm igifieri ma hemmx kwistjoni ta arretrati tal-istess. Xehed illi mid-data ta' separazzjoni personali ma kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li ma hemm l-ebda tama tal-istess.

**LC** xehdet a fol 27 *et seqq.* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu***

***għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Lulju 1998 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia, datat 22 ta' Awissu 2002 (vide Dok. B fol 6 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum,**

**javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u tawtorizza lil LC sabiex tirreverti lura għal kunjom xbubitha u ċioe P u tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat sabiex jieħu l-azzjoni meħtieġa.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**